**QORTI ĊIVILI**
**PRIM'AWLA**

**ONOR. IMĦALLEF**
**ROBERT G. MANGION**

**SEDUTA TAL-5 TA' DICEMBRU 2019**

**Kawza Numru: 7**

**Rik. Gur. 561/2019 RGM**

**Vodafone Malta Limited**

**(C 10865)**

**vs.**

**Mobile Systems Limited**

**(C 49536)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors tas-socjeta` **Vodafone Malta Limited** prezentat fis-6 ta' Gunju, 2019 li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti:

1. Illi s-socjeta` attrici hija kreditrici tas-socjeta` konvenuta fl-ammont ta' mitejn u sebgha u ghoxrin elf, u erba' euro u tnejn u hamsin centezmu (€227,004.52 rapprezentanti l-valur ta' *mobile top-ups* li thallsu lis-socjeta` intimata minn terzi tramite *information kiosks* u kif ukoll *POS machines* u sistemi elettronici ohra, sabiex dawn jigu mhallsa lis-socjeta` attrici, u dan ai termini tal-iskrittura intitolata '*Agreement between Vodafone Malta Limited and Mobile Systems Limited – Mobile Phone Top Up Service via Third Party information kiosks*, datata 18 ta' Lulju, 2011, hawn annessa u mmarkata bhala Dok. 'A', skond ma jidher ahjar mill-istatement hawn anness u mmarkat bhala Dok. 'B'

2. Illi l-imsemmi ammont huwa dejn cert, likwidu u dovut u, fil-fehma ta' l-istess socjeta` attrici jikkonkorru l-elementi preskritti mill-artikoli 167 sa 170 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex din il-kawza tigi deciza bid-dispensa tas-smiegh, billi fil-fehma ta' l-istess socjeta` attrici, s-socjeta` konvenuta m'ghandha l-ebda eccezzjoni xi tressaq kontra t-talba ghall-hlas tal-imsemmi ammont.

3. Illi ghalkemm is-socjeta` konvenuta giet interpellata sabiex thallas l-imsemmi ammont, inkluz permezz tal-ittra bonarja datata l ta' Frar 2019, hawn annessa u mmarkata bhala Dok. 'C', hija baqghet inadempjenti u ma hallsitx.

4. Dawn il-fatti huma maghrufa lill-esponenti personalment.

5. Ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Illi ghalhekk, ghar-ragunijiet premessi s-socjeta` attrici titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex, prevja li jinghataw id-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti kollha opportuni:

1. Tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smiegh, ghall-finijiet ta' l-Artikoli 167 sa 170 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tikkundanna lis-socjeta` konvenuta li thallas lis-socjeta` attrici l-ammont ta' fl-ammont ta' mitejn u sebgha u ghoxrin elf, u erba' euro u tnejn u hamsin centezmu (€227,004.52) rapprezentanti l-valur ta' *mobile top-ups* li thallsu lis-socjeta` intimata minn terzi tramite information kosks u kif ukoll *POS machines* u sistemi elettronici ohra, sabiex dawn jigu mhallsa lis-socjeta` attrici u dan ai termini tal-iskrittura intitolata '*Agreement between Vodafone Malta Limited and Mobile Systems Limited – Mobile Phone Top Up Service via Third Party information kiosks'* datata 18 ta' Lulju, 2011, hawn annessa u mmarkata bhala Dok. 'A', skond ma jidher ahjar mill-istatement hawn anness u mmarkat bhala Dok. 'B'.

Bl-ispejjez, oltre l-imghaxijiet legali sal-jum ta' l-effettiv pagament, kontra s-socjeta` konventua, rapprezentati ta' liema huma min issa stess ingunti ghas-subizzjoni taghhom.

Rat l-atti.

Rat illi fl-udjenza tad-19 ta' Novembru 2019 is-socjeta' attrici irriduciet is-sorte tal-kawza ghal mitejn u sitta u ghoxrin elf, tlett mija u sitta u erbghin ewro u centezmu (€226,346.01) stante pagament akkont fil-mori tal-kawza.

Rat illi fl-istess udjenza s-socjeta' konvenuta pprezentat nota ta' ammissjoni tat-talba kif ridotta.

Rat li l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza.

**Decide**.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qed taqta' u tiddeciedi l-kawza billi fuq ammissjoni tas-socjeta' konvenuta wara n-nota ta' riduzzjoni, tilqa' in parte t-talbiet attrici,

1. Tikkundanna lis-socjeta` konvenuta li thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta’ mitejn u sitta u ghoxrin elf, tlett mija u sitta u erbghin ewro u centezmu (€226,346.01) rapprezentanti bilanc minn somma aktar dovuta ai termini ta' skrittura intitolata ‘*Agreement between Vodafone Malta Limited and Mobile Systems Limited – Mobile Phone Top Up Service via Third Party information kiosks’* datata 18 ta’ Lulju, 2011.

Bl-imghax legali mis-27 ta' Awissu 2019, id-data tal-gheluq tal-procedura tan-notifika bl-affissjoni u pubblikazzjoni, sad-data tal-effettiv pagament u bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta.

**Onor. Robert G. Mangion**
**Imhallef**

**Lydia Ellul**
**Deputat Registratur**